

32006D0923

L 354/42

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

14.12.2006

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-13 ta' Diċembru 2006

dwar kontribut finanzjarju Komunitarju għall-2006 u l-2007 biex ikopri n-nefqa mġarrba mill-Portugall bl-iskop li jiġġieled il-*Bursaphelenchus xylophilus* (Steiner et Buhner) Nickle *et al.* (nematodu ta' l-injam ta' l-arżnu)

(innotifikata taħt dokument numru C(2006) 6433)

(It-test Portugiż biss huwa awtentiku)

(2006/923/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar il-miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni ġewwa l-Komunità ta' organiżmi ta' ħsara għall-pjanti u l-prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom ġewwa l-Komunità⁽¹⁾, b'mod partikolari l-Artikolu 23(6) tagħha,

Billi:

- (1) Skond id-Direttiva 2000/29/KE, jista' jingħata kontribut finanzjarju mill-Komunità lill-Istati Membri biex ikopru n-nefqa marbuta direttament mal-miżuri meħtieġa li jkunu ttieħdu jew huma pjanati li jittieħdu bl-iskop li jiġġieldu kontra organiżmi ta' ħsara introdotti minn pajjiżi terzi jew minn żoni oħra fil-Komunità, biex jeqirduhom jew, jekk dan ma jkunx possibbli, biex jirrestringuhom.
- (2) Skond id-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2001/811/KE⁽²⁾, 2002/889/KE⁽³⁾, 2003/787/KE⁽⁴⁾ u 2004/772/KE⁽⁵⁾, diġà ngħata kontribut finanzjarju lill-Portugall mill-Komunità għal miżuri bil-għan li jikkontrollaw il-*Bursaphelenchus xylophilus* (Steiner et Buhner) Nickle *et al.* (nematodu ta' l-injam ta' l-arżnu), minn hawn 'il quddiem "NIA", fis-snin 1999-2003, jiġifieri, għall-itwal żmien possibbli. Mill-2003, fil-Portugall ġie implimentat "pjan ta' eradikazzjoni għal nofs it-terminu" sabiex jikkontrolla t-tifrix tan-NIA bil-għan li jeradikah.
- (3) Madankollu, l-Artikolu 23(6) tad-Direttiva 2000/29/KE jipprovdi għall-possibbiltà li tiġi implimentata azzjoni ulterjuri, jekk dan ikun meħtieġ għall-ġlieda kontra n-NIA.
- (4) F'April 2006, il-Portugall ippreżenta lill-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti (minn hawn 'il quddiem, "il-Kumitat") sommarju tar-riżultati ta' l-istħarriġ u l-kampanja ta' kontroll imwettqa bejn l-1 ta' Novembru 2005 u l-1 ta' April 2006 fiż-żona demarkata għan-NIA fil-Portugall.

Ir-riżultati wrew li, minkejja l-miżuri li ttieħdu fis-snin preċedenti, iż-żona fejn jinsab in-NIA kibret konsiderevolment.

- (5) Il-Kummissjoni u l-Kumitat ikkonkludew li l-pjan ta' eradikazzjoni għat-terminu mezzan kellu jiġi rivedut mill-Portugall u li tinħtieġ azzjoni urġenti, inkluża kampanja intensifikata ta' stħarriġ u definizzjoni mill-ġdid taż-żona demarkata.
- (6) F'Mejju 2006, il-Portugall ippreżenta pjan ta' azzjoni lill-Kumitat bil-miżuri li għandhom jitwettqu għall-ġlieda kontra iktar tifrix tan-NIA⁽⁶⁾. Dawn il-miżuri jinkludu delimitazzjoni aġġornata taż-żona demarkata, l-eradikazzjoni tas-siġar kollha li qed jiddeterjoraw f'dik iż-żona, ittkomplija tal-monitoraġġ u l-ħolqien ta' faxxa ħielsa mis-siġar kollha ospitanti tal-vettur tan-nematodu ta' l-injam ta' l-arżnu, jiġifieri "faxxa ta' konteniment fitosanitarju" li twaqqaf it-tifrix tan-NIA lil Stati Membri oħra, u b'hekk tħarishom mit-telf devastanti ta' foresti ta' l-arżnu u minn restrizzjonijiet possibbli fuq il-kummerċ minn pajjiżi terzi. Partikolarment, il-pjan ta' azzjoni jiddefinixxi l-partijiet tat-territorju fejn se tkun stabbilita l-faxxa ta' konteniment fitosanitarju. Verżjoni finali ta' dan il-pjan ta' azzjoni ġiet approvata mill-Kumitat f'Lulju 2006.
- (7) F'Lulju 2006, il-Portugall introduċa programm għal azzjonijiet ulterjuri kontra n-NIA u stima tal-baġit li tirreferi għal dan il-programm sabiex jirċievi kontribut finanzjarju mill-Komunità. Il-partijiet differenti tat-territorju Portugiż fejn se jkollhom isiru l-azzjonijiet, li jiddeterminaw iż-żona ġeografika li se tibbenefika minn kontribut finanzjarju mill-Komunità, huma definiti fil-pjan ta' azzjoni msemmi hawn fuq.
- (8) Il-programm ipprovdut mill-Portugall ippermetta lill-Kummissjoni tanalizza s-sitwazzjoni bir-reqqa u b'mod komprensiv u biex tikkonkludi li l-kundizzjonijiet għall-għoti ta' kontribut finanzjarju Komunitarju, kif stipulat fl-Artikolu 23(6) tad-Direttiva, ġew sodisfatti. Il-kontribut finanzjarju Komunitarju għandu jingħata għan-nefqa taħt dak il-programm li ttejjeb il-ħarsien fitosanitarju tal-bqija tal-Komunità kontra tifrix ulterjuri tan-NIA miż-żona

(1) ĠU L 169, 10.7.2000, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/35/KE (ĠU L 88, 25.3.2006, p. 9).

(2) ĠU L 306, 23.11.2001, p. 25.

(3) ĠU L 311, 14.11.2002, p. 16.

(4) ĠU L 293, 11.11.2003, p. 13.

(5) ĠU L 341, 17.11.2004, p. 27.

(6) Dawn il-miżuri ġew stipulati fid-Digriet Portugiż Nru 103/2006 tas-6 ta' Frar 2006, kif emendat mid-Digriet Nru 815/2006 tas-16 ta' Awwissu 2006.

demarkata. Konsegwentement, dak il-kontribut għandu jingħata għall-azzjonijiet kollha marbuta direttament mal-ħolqien ta' faxxa ta' konteniment fitosanitarju bħala żona ħielsa mill-ospitanti tal-vetturi tan-NIA.

- (9) Ġeneralment, il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità tista' tkopri mhux iktar minn 50 % tan-nefqa eleġibbli. Madankollu, fejn azzjoni ulterjuri bħal din, hija maħsuba essenzjalment biex tħares territorji oħra tal-Komunità minbarra dak ta' l-Istat Membru kkonċernat, dak il-kontribut jista' jkun ikbar. Meta wieħed iqis ir-rilevanza kbira tan-NIA għall-pjanti u injam koniferu, ir-rapidità li biha tinfirex il-marda, il-pożizzjoni ta' Stat Membru ieħor viċin taż-żona infestata u l-impatt possibbli fuq l-industrija Ewropea tal-foresti u l-kummerċ dinji ta' l-injam, dik il-kundizzjoni hija sodifatta fir-rigward tal-miżuri marbuta mal-ħolqien ta' faxxa ta' konteniment fitosanitarju, kif ipprovdut fil-pjan ta' azzjoni Portugiż. Għaldaqstant, jixraq li jkun allokati kontribut finanzjarju Komunitarju ta' 75 %.

- (10) Skond l-Artikolu 3(2)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar l-iffinanzjar tal-politika agrikola komuni⁽¹⁾, miżuri għas-saħħa tal-pjanti għandhom jiġu ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Garanzija. Għall-finijiet tal-kontroll finanzjarju ta' dawn il-miżuri, għandhom japplikaw l-Artikoli 9, 36 u 37 tar-Regolament 1290/2005.

- (11) L-azzjonijiet marbuta mal-ħolqien ta' faxxa ta' konteniment fitosanitarju bħala żona ħielsa mill-vettur tan-NIA għandhom jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni ambjentali applikabbli tal-Komunità.

- (12) Il-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni huma fi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Prinċipju

L-allokkazzjoni ta' kontribut finanzjarju Komunitarju għall-2006 u l-2007 biex ikopri n-nefqa mġarrba mill-Portugall marbuta ma' azzjoni ulterjuri, kif speċifikat fl-Artikolu 23(6) tad-Direttiva 2000/29/KE, u li ttieħdet bl-iskop li tiġġieled il-*Bursaphelenchus xylophilus* (Steiner et Buhner) Nickle *et al.* (nematodu ta' l-injam ta' l-arżnu), u li hija stipulata fl-Anness I, u ttieħdet fil-qafas tal-pjan ta' azzjoni propost mill-Portugall, hija b'dan approvata.

⁽¹⁾ ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 320/2006 (ĠU L 58, 28.2.2006, p. 42).

Artikolu 2

L-ammont tal-kontribut finanzjarju tal-Komunità u l-azzjonijiet eliġibbli

Il-kontribut finanzjarju massimu totali tal-Komunità msemmi fl-Artikolu 1 huwa ta' **EUR 8 417 848,95**.

In-nefqa eliġibbli u l-kontributi finanzjarji massimi tal-Komunità għandhom jiġu stipulati fl-Anness I.

Artikolu 3

Ħlasijiet bil-quddiem

Avvanz ta' EUR 2 000 000 għandu jitħallas fi żmien 30 jum mid-data ta' l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 4

Ħlas tal-bilanċ tal-kontribut finanzjarju tal-Komunità

Il-bilanċ tal-kontribut finanzjarju tal-Komunità kif stipulat fl-Anness I għandu jitħallas skond il-kundizzjonijiet li ġejjin:

- (a) jista' jiġi konkluż mir-rapporti dwar il-progress tekniku, li għandhom jiġu pprovduti mill-Portugall lill-Kummissjoni fil-15 ta' Jannar u l-15 ta' April 2007, u mill-missjonijiet ta' spezzjoni mwettqa mill-Uffiċċju Alimentari u Veterinarju tal-Kummissjoni li l-miżuri msemmija fl-Anness I ġew implimentati mill-Portugall sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2007, f'mod xieraq biex jilħaq l-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 1, u
- (b) Il-Portugall ressaq talba uffiċjali għall-ħlas lill-Kummissjoni sa mhux iktar tard mill-31 ta' Awwissu 2007, akkumpanjata minn rapport finanzjarju u rapport finanzjarju tekniku kif ikpprovdut fl-Artikolu 5.

Artikolu 5

Dokumenti ta' appoġġ

Il-Portugall għandu jressaq evidenza tal-miżuri li ttieħdu u tan-nefqa li ġġarrbet permezz ta':

- (a) rapport tekniku finali li juri l-implimentazzjoni ta' l-azzjonijiet kollha msemmija fl-Anness I u d-data ta' tlestija rispettiva tagħhom;
- (b) rapport finanzjarju, ippreżentat fl-għamla stipulata fl-Anness II, li juri n-nefqa marbuta mal-miżuri varji li għalihom ikun intalab kontribut finanzjarju Komunitarju flimkien mad-dokumentazzjoni xierqa, bħal fatturi jew irċevuti.

*Artikolu 6***Nuqqas ta' kumpens żejjed**

In-nefqa mġarrba mill-Portugall għall-miżuri stipulati fl-Anness I ma għandhiex tirriżulta fi kwalunkwe kumpens żejjed tas-sidien tas-siġar. Il-kumpens għandu jiġi bbażat fuq il-valur ta' l-injam li s-sid kien jikseb immedjatament qabel il-bidu ta' l-azzjonijiet fil-faxxa ta' konteniment fitosanitarju.

*Artikolu 7***Tnaqqis tal-kontribut finanzjarju tal-Komunità**

(1) Jekk ikun hemm evidenza li l-miżuri stipulati fl-Anness I ma għewx kompluti b'mod xieraq sa mhux iktar tard mill-31 ta' Marzu 2007, ir-rata tal-kontribut finanzjarju Komunitarju marbuta mal-parti tan-nefqa eliġibbli kkonċernata minn dan id-dewmien fl-eżekuzzjoni għandha titnaqqas sa livell speċifikat fit-tabella li ġejja:

Għadd ta' jiem ta' dewmien mill-1 ta' April 2007 'l hemm	Ir-rata tal-Kontribut finanzjarju tal-Komunità
1 – 15	60 %
16 – 30	50 %
31 – 60	25 %
61 jew aktar	0 %

(2) Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu (1), jekk it-talba għall-ħlas u r-rapporti anċillari pprovduti fl-Artikolu 4(b) ma jitressqux sal-31 ta' Awwissu 2007, il-kontribut finanzjarju Komunitarju għandu jitnaqqas b'25 % għal kull xahar kalendarju ta' dewmien.

*Artikolu 8***Konformità ma' politiki oħra tal-Komunità**

Il-Portugall għandu jiżgura li l-azzjoni ulterjuri msemmija fl-Artikolu 1 tkun implimentata f'konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali applikabbli tal-Komunità.

*Artikolu 9***Destinatarju**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Portugiża.

Magħmul fi Brussel, 13 ta' Diċembru 2006.

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membru tal-Kummissjoni

ANNEX I

Kontribut finanzjarju Komunitarju għall-2006 u l-2007 biex ikopri n-nefqa mġarrba mill-Portugall għall-iskop li jiġġieled il-Bursaphelenchus xylophilus (Steiner et Buhrer) Nickle et al. (nematodu ta' l-injam ta' l-arżnu)

(in EUR)

Lokalità	Miżura	Infiq eliġibbli	Kontributi finanzjarji massimi tal-Komunità (b'rata ta' kofinanzjament ta' 75 %)
Faxxa ta' konteniment fitosanitarju ⁽¹⁾	Attivitajiet ta' stħarriġ għan-NIA fiż-żona tal-faxxa	156 000	117 000
	Qtuġh u trasport tas-siġar kollha ospitanti tal-vettur tan-NIA	4 666 666	3 499 999,5
	It-tqaxxir tas-siġar kollha ospitanti tal-vettur tan-NIA	300 000	225 000
	Ir-rimi tal-biċċiet tas-siġar	700 000	525 000
	Kumpens għall-valur ta' l-injam ⁽²⁾	4 666 666	3 499 999,5
	It-tfassil mill-ġdid tas-sistema ta' informazzjoni dedikata tal-faxxa ta' konteniment fitosanitarju	200 000	150 000
Subtotal:		10 689 332	8 016 999
Subtotal:	Attivitajiet ta' koordinament ⁽³⁾	534 466,6	400 849,95
Total Globali		11 223 798,60	8 417 848,95
Il-kontribut finanzjarju totali tal-Komunità (EUR)		8 417 848,95	

⁽¹⁾ żona wiesgħa 3km fuq il-linja ta' barra taż-żona demarkata kif iddefinita fid-Deċiżjoni 2006/133/KE.⁽²⁾ kumpens lil sid l-art għall-valur ta' l-injam tiegħu minħabba li s-siġar maqtuġhin kienu siġar f'saħħithom u saru l-proprjetà tal-kumpaniji li qatgħuhom.⁽³⁾ rata fissa (5 %) għall-attivitajiet ta' koordinament.

ANNEX II

RENDIKONT FINANZJARJU

PROGRAMM TA' KONTROLL TAN-NEMATODU TA' L-INJAM TA' L-ARŻNU GĦALL-2006-2007

ŻONA DEMARKATA – FAXXA TA' KONTENIMENT FITOSANITARJU

Il-Miżura 1: Aktivitajiet ta' stħarriġ fiż-żona tal-faxxa

Spejjeż li effettivament iġġarrbu u tħallsu

Deskrizzjoni qasira tan-nefqa	Nefqa eliġibbli mingħajr il-VAT	Kontribut Komunitarju	Numru ta' referenza tad-dokumenti ta' appoġġ	Unità	Prezz Unitarju	Kwantità	Ammonti mingħajr il-VAT	Rimarki
Subtotal:	X,XX	X,XX					X,XX	

Il-Miżura 2: Il-qtugħ u t-trasport tas-siġar

Spejjeż li effettivament iġġarrbu u tħallsu

Deskrizzjoni qasira tan-nefqa	Nefqa eliġibbli mingħajr il-VAT	Kontribut Komunitarju	Numru ta' referenza tad-dokumenti ta' appoġġ	Unità	Prezz Unitarju	Kwantità	Ammonti mingħajr il-VAT	Rimarki
Subtotal:	X,XX	X,XX					X,XX	

Il-Miżura 3: It-tqaxxir tas-siġar

Spejjeż li effettivament iġġarrbu u tħallsu

Deskrizzjoni qasira tan-nefqa	Nefqa eliġibbli mingħajr il-VAT	Kontribut Komunitarju	Numru ta' referenza tad-dokumenti ta' appoġġ	Unità	Prezz Unitarju	Kwantità	Ammonti mingħajr il-VAT	Rimarki
Subtotal:	X,XX	X,XX					X,XX	

Il-Miżura 4: Ir-rimi tal-biċċiet tas-siġar

Spejjeż li effettivament iġġarrbu u tħallsu

Deskrizzjoni qasira tan-nefqa	Nefqa eliġibbli mingħajr il-VAT	Kontribut Komunitarju	Numru ta' referenza tad-dokumenti ta' appoġġ	Unità	Prezz Unitarju	Kwantità	Ammonti mingħajr il-VAT	Rimarki
Subtotal:	X,XX	X,XX					X,XX	

Il-Miżura 5: Kumpens għall-valur ta' l-injam

Spejjeż li effettivament iġġarrbu u tħallsu

Deskrizzjoni qasira tan-nefqa	Nefqa eliġibbli mingħajr il-VAT	Kontribut Komunitarju	Numru ta' referenza tad-dokumenti ta' appoġġ	Unità	Prezz Unitarju	Kwantità	Ammonti mingħajr il-VAT	Rimarki
Subtotal:	X,XX	X,XX					X,XX	

Il-Miżura 6: It-tfassil mill-ġdid tas-sistema ta' informazzjoni

Spejjeż li effettivament iġġarrbu u tħallsu

Deskrizzjoni qasira tan-nefqa	Nefqa eliġibbli mingħajr il-VAT	Kontribut Komunitarju	Numru ta' referenza tad-dokumenti ta' appoġġ	Unità	Prezz Unitarju	Kwantità	Ammonti mingħajr il-VAT	Rimarki
Subtotal:	X,XX	X,XX					X,XX	
Total:	X,XX	X,XX					X,XX	

Il-Miżura 7: Attivitajiet ta' koordinament

Spejjeż li effettivament iġġarrbu u tħallsu

Deskrizzjoni qasira tan-nefqa	Nefqa eliġibbli mingħajr il-VAT	Kontribut Komunitarju	Numru ta' referenza tad-dokumenti ta' appoġġ	Unità	Prezz Unitarju	Kwantità	Ammonti mingħajr il-VAT	Rimarki
Total globali:	X,XX	X,XX					X,XX	